# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Gunju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**Vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 255/2003**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Marzu 2002 ghall-habta tat-8.30pm, f'Wied il-Ghajn, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fur il-persuna ta' Omissis minn Haz-Zabbar, liema offiza ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta'l-offiz skond ma iccertifika Dr Jesmond Muscat MD tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal-l-Gdid.
Akkuzat ukoll talli f'l-istess data hin u lok ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Omissis minn Haz-Zabbar skond ma ccertifika Dr Jesmond Muscat MD tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal-l-Gdid.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil dinil-Qorti kif presjeduta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta'l-imputat, il-fatt li huwa kien minorenni meta sehhew il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri, u l-fatt li l-offiza fuq l-parte leza saret waqt rissa li fiha l-imputat kien hu stess sofra daqqa b'arma li taqta u bil-ponta[1]. Hadet in konsiderazzjoni ukoll d-dekors taz-zmien minn meta gie kommess ir-reat odjern, il-fatt li l-parte leza Omissis b'gurament iddikjara li huwa kien hafer lill-imputat u li ma kellu l-ebda interess f'dawn il-proceduri, u li l-Qorti setghet tikkonstata de visu li l-offiza sofferta mill-parte leza taqa' taht definizzjoni ta' l-artikolu 216 u mhux 218 tal-Kapitolu 9.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

[1] Offiza li giet ikkawzata minn terza persuna li ttiehdu proceduri kontra taghha quddiem il-Qorti Kriminali.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**